**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 27 t'Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**(Spettur Kurt Farrugia)**

**Vs**

**KARL MALLIA**

**KUMP NU: 626/2022**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Karl Mallia** detentur tal-Karta ta' l-Identita' 390991M u residenti ġewwa, 78, Fl2, Triq is-Sibbien, Marsaskala, fejn gie akkuzat;

1. Talli fil-lejl ta bejn it-13 u l-14 t'Awwissu 2022 minn gewwa Triq Bajjada f'Haz Zabbar ikkommetta serq ta' tarki ta' registrazzjoni ta' vettura tal-ghamla - Citroen bin-numru tar-registrazzjoni ACL405, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u aggravat bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Brian

Pullicino u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra u/jew awtorita' u/jew awtoritajiet

2. Nakkuzawh ukoll talli nhar it-24 t'Awwissu 2022 gewwa Marsaskala, uża marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari,

3. Nakkuzawh ukoll tali fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2022 minn gewwa triq il-Grigal, Marsaskala, ikommetta serq ta' vettura tal-ghamla Kymco bin-numru tar-registrazzjoni KCC201, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37) u aggravat bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Petar Mileski, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

4. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq il-vettura ta' għamla Kymco bin-numru ta' reġistrazzjoni KCC201 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan necessarja.

5. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn € 250 iżda' anqas minn € 2,500 għad-dannu ta' Petar Mileski.

6. Nakkuzawh ukoll talli nhar is-26 ta' Ottubru 2022 gewwa Marsaskala ta l-partikularitajiet tiegħu foloz jew mhux sew lil uffiċjal pubbliku u/jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzati ghall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Qieset li nvista ta' din d-dikjarzzjoni ta' l-imputat, il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex iktar provi x'tipproduci.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta' piena jew l-ahjar sanzjoni applikabbli, din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li l-imputat ghandu problema tad-droga u jehtieg li jkollu min jidderigieh b'mod generali, u l-fatt li l-atti juru li din il-Qorti ghandha titratta mieghu bhala li hu *a first time offender*.

**KONKLUZJONI.**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 261(c)(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 279(a), 325(1)(b) u 338(g) tal-Kap 9, l-Artikolu 44(5) u 32(5) tal-LS368.02 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, ilkoll tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess, hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, u;

1. dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, minflok piena, l-Qorti tordna li, ai termini ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation. In oltre, l-Qorti tordna lil Karl Mallia jhallas kumpens ta' erbgha mitt ewro (€400) lil Peter Mileski fi zmien hames xhur millum ai termini ta' l-istess Kapitolu 446.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ probation u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ probation, tista’ tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Karl Mallia.

2. dwar ir-raba’ (4) imputazzjoni, tikkundannah ghall-multa fis-somma ta` hames mitt euro (€500). Inoltre, l-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Karl Mallia ghal perjodu ta' sitt (6) xhur millum.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur